

# Iċ-Ċeramista Mosti Mario Sammut

*Jikteb is-Sur Philip Borg Ph.Lic., S.Th.B., Dip.Sc.Soc.*
*Pres. Onor. tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti u tas-Soċjetà Dun Filippu Borg, Birkirkara*





**Is-Sur Mario Sammut**

Madwarna, kultant taħt imneħirna sewwa, jew fost il-ġirien tagħna, ikollna nies ta' talenti kbar. Forsi ma jdoqqux wisq trombi, forsi ma jkunux imżattin f'xi klikka li trid tiddomina kollox. Iżda l-ħila tagħhom toffri opri sbieħ li nsiru nafu bihom meta narawhom iżejnu xi roqgħa fl-ambjent pubbliku. Taf tkun opra astratta, li ma tinftihemx mill-ewwel. Għax l-artist jitkellem magħna bit-talenti tiegħu. Il-lingwa tal-artist hija dak li jpitter, dak li jnaqqax, dak li jsawwar. Aktar ma napprezzaw xogħolu, aktar nifhmu xi jrid jgħidilna u nteqħmu kemm huma fondi u ġenwini t-talenti tiegħu...

Dan kollu nista' ngħidu għall-ħabib Mosti u ex-sieħbi tax-xogħol Mario Sammut. Wara snin twal nafu 'l xulxin, issa stajt nara li dak li kien jidher delizzju snin ilu, żviluppa fi professjoni ta' artist veru.

"L-artist jesprimi l-ħsibijiet tiegħu billi jirrejalizzhom b'idejh f'xogħol artistiku," beda jgħidli Mario. "B'dawn ix-xogħlijiet l-artist jikkomunika mas-soċjetà. Meta x-xogħol jintlaqa' tajjeb, ikun ta' sodisfazzjon għalih li s-soċjetà tkun fehmet il-messaġġ tiegħu. Importanti li l-artist ma jkunx influwenzat b'dak li trid tara n-nies imma billi jesprimi l-ideal jew ir-realtà li hu jrid li n-nies tara u li hu jridha tkun konxja mir-realtà madwarha." Mario jemmen li "mhux dejjem l-artist intwera apprezzament mis-soċjetà. Ġieli għaddew snin, saħansitra wara mewtu biex ix-xogħol tiegħu beda jiġi apprezzat, u mbagħad l-idejat tiegħu jħallu impatt mal-ġenerazzjoniet ta' wara."

## Tagħlim u taħriġ

Bħal kull min twieled b'xi talent, Mario beda juri minn ċkunitu l-ħajra għall-arti. "Niftakarni npinġi, nilgħab bit-tafal u nagħmel xi figuri żgħar. Meta dħalt il-Liċeo kont għazilt l-arti bħala wieħed mis-suġġetti u bdejt nitgħallem id-disinn u tpinġija formalment. Kelli bħala għalliema lil Antoine Camilleri u Esprit Barthet u tgħallimt ħafna mingħandhom. Iktar tard tħajjart nitgħallem l-arti taċ-ċeramika u fl-1987 bdejt immur klassijiet ta' filgħaxija fl-iskola tas-snajja' f'Tarġa Gap fejn kien jgħallem iċ-ċeramista Gabriel Caruana. Mingħandu tgħallimt ħafna speċjalment il-mod ta' kif wieħed iħares lejn l-arti u l-importanza li jkun kreattiv."

Mario Sammut iħares lura lejn meta kien jitgħallem u meta beda juri t-talenti tiegħu f'wirjiet pubbliċi. Naturalment wieħed jifhem kif iħossu artist żagħżugħ meta jibda jersaq fis-swali l-kbar biswit xogħlijiet ta' awturi b'ismijiet stabbiliti. Iżda l-ħila ssaħħaħ il-kuraġġ tal-artist li bil-modestja jinfed ukoll ħitan ħoxnin.

"Bdejt nieħu sehem f'wirjiet kollettivi f'Malta u barra. Mil-2005 kont imdaħħal fl-organizzazzjoni u ħadt sehem ukoll f'wirja annwali li ssir bejn ċeramisti Maltin u Ċiprijotti li ssir sena Malta u sena f'Larnaca f'Ċipru. Din is-sena se ssir f'Malta, f'Ottubru li ġej. Fl-2010 intagħżilt biex nesebixxi xogħlijiet tiegħi fid-Danimarka, fuq il-gżira ta' Bornholm, f'wirja kbira taċ-ċeramika fejn kienu rappreżentati l-pajjiżi



***Sammut waqt l-ewwel fażi tax-xogħol ġdid tiegħu***





*"Embracing dancers" xogħol ta' Sammut qrib ix-Xewkija, Għawdex*

kollha tal-Unjoni Ewropeja." It-talenti ta' Mario bdew jingħoġbu sewwa u r-ritmu żied il-pass biex seta' jiftaħ iktar il-vetrina tax-xogħlijiet tiegħu. Ikompli jirrakkonta kif tliet mudelli tiegħu intgħażlu f'kompetizzjoni għal Arti Pubblika f'Għawdex fl-2011. "Fl-2012 ġejt kummissjonat mil-Ministeru ta' Għawdex biex nagħmel l-ewwel waħda minnhom, skultura fil-bronż, 'Embracing Dancers', li fiha żewġ metri u nofs għoli. Din tqiegħdet fit-triq bejn l-Imġarr u r-Rabat, ħdejn ix-Xewkija. Matul is-snin komplejt nieħu sehem f'ħafna wirjiet tal-arti kemm f'Malta kif ukoll barra. Tellajt wirja personali fil-Mużew tal-Arti ta' Malta. F'Awwissu li ġej se jkolli wirja oħra ta' xogħlijiet fil-bitħa tas-Soċjetà tal-Arti fil-belt Valletta," qalli Mario.

## Arti u sengħa

L-arti fiċ-ċeramika, minbarra talent artistiku u sens qawwi ta' kreattività, teħtieġ ukoll sengħa sħiħa u teknika preċiża. Lil Mario tlabtu jagħtina ħjiel ta' x'inhuma l-istadji ewlenin f'din is-sengħa sakemm l-artist ilesti u jippreżenta opra lesta.

"Wieħed irid joqgħod għal ċerti regoli minħabba l-karatteristika naturali tat-tafal. L-ewwelnett, wieħed irid juża tafal safi. Normalment nużaw tafal ta' barra li jkun diġà ġie proċessat u mnaddaf. It-tafal jista' jinfetaħ bħall-għaġina jew imtella' fuq ir-rota, skont xi jkollu f'moħħu l-artist. Waqt li tkun qiegħed taħdem biċċa skultura bit-tafal trid toqgħod attent li tgħaqqad sewwa t-tafal ma' xulxin b'tafal ieħor maħlul u tara li ma tinqabadlikx xi arja bejniethom għax inkella meta jkun fil-forn dik l-arja tespandi u tixpakka.

"Il-ħxuna tat-tafal ukoll taffettwa. Normalment tkun ta' ċentimetru u importanti li l-iskultura li ttella' tkun vojta minn ġewwa jew inkella titbattal mit-tafal żejjed. Jiena ntella' l-iskultura vojta mal-ewwel, għalhekk trid tħalli t-tafal jissoda qabel tkompli ttella' fuqu. Meta tlestiha trid tħalliha tinxef bil-mod, għall-ewwel ħamest ijiem mgħottija bil-plastik biex tinxef bil-mod u ma tinbaramx. Din tieħu normalment bejn ġimgħatejn u tlieta.

## Tafal u fuħħar

"Imiss issa li titqiegħed ġo forn li jaħdem bil-gass fejn tiġi suġġetta għal temperatura ta' 950 ċentigrad. It-temperatura tittella' bil-mod u tkun kotrollata permezz ta' arloġġ li juri t-temperatura ta' ġewwa l-forn. Din il-parti tal-proċess tieħu madwar tmien jew disa' sigħat. Imbagħad innar jintefa', tingħalaq il-bokka tal-forn u jitħalla jibred b'mod naturali għal kważi għoxrin siegħa. Meta jinfetaħ il-forn, it-tafal ikun sar fuħħar u hawn jiġu applikati l-'glazes' – dik il-kisja ta' kulur qisu ħġieġ, kif ukoll ossidi ta' metalli bħal ramm u ħadid biex jagħti l-kulur. Din il-parti tal-proċess huwa interessanti għaliex ibiddel il-kulur totalment; eżempju, ossidu tar-ramm li jidher iswed jaqleb għal aħdar, waqt li tal-ħadid isir kannella ħamrani."

Iċ-ċeramista Mosti kompla jirrakkonta bil-ħeġġa daqslikieku kien qed jaħdem tassew. Preċiż skont ir-regoli, attent għall-ħinijiet meħtieġa u dettaljat dwar x'għandu jsir, kif u meta. Tinħass sew fi kliemu l-għożża għall-forma kreattiva li beda mit-tafal miftuħ u attent li l-proċess tas-sengħa jimxi skont kif meħtieġ, la anqas u lanqas aktar. Mario Sammut jidher konxju sew li tul il-



*"Adam and Eve" – "minimi ħafna fid-dettal, iktar nisħaq fuq il-linja u l-forma" – Mario Sammut*





*"Mother and Child" – Mario Sammut*

proċess, dak li ħaseb moħħu u sawwru jdejh ikompli jieħu s-sura ta' dak li fassal f'moħħu mill-bidunett.

"Meta jkunu lesti jerġgħu jiddaħħlu fil-forn u jerġa' jinxtegħel in-nar. L-istess, terġa' ttella' t-temperatura bil-mod u din id-darba nibqa' ntellagħha sa 1,260 ċentigrad. Din id-darba ddum bejn ħdax u tnax-il siegħa u meta jilħaq il-massimu ta' 1,260 jinżamm għal tletin minuta fit-temparatura massima biex il-'glaze' jinħall sewwa. B'dik it-temperatura, il-kuluri ma jiġux ileqqu imma jiġu ftit matti b'mod li jikkumplimentaw sew it-tip ta' skultura li nħobb nagħmel jien," seħaq Mario. "Terġa' tħallih jiksaħ, jieħu kważi tletin siegħa biex it-temperatura ta' ġol-forn tinżel għan-normal, meta mbagħad ikun jista' jinfetaħ il-forn."

## L-għożża tal-artist

Waqt li bdejt nimmaġina u naqta' nifsi b'dawk l-fran bi sħanat hekk qliel fl-eqqel tas-sajf kiefer Malti, bdejt nifhem wisq aħjar kemm l-arti taċ-ċeramika, minbarra talent artistiku u sens ta' kreattività, teħtieġ għarfien tajjeb tas-sengħa meħtieġa bil-fażijiet u l-ħinijiet kollha marbutin magħha! Id-diskors dar fuq kemm jeżisti apprezzament għal din il-kwalità ta' arti. Sikwit naħseb li f'pajjiż żgħir bħal tagħna qisu m'hawnx apprezzament jew suq biżżejjed għal diversi forom ta' arti – pittura, skultura jew ċeramika. Qisu ħafna jiddependi mill-fama tal-isem u mhux bilfors dejjem mill-ħila vera tal-artist.

"Għalkemm Malta pajjiż ċkejken, hawn ħafna kreattività fejn tidħol l-arti," wieġeb Mario. "Għalkemm l-arti qiegħda tiġi apprezzata, is-suq huwa żgħir ħafna. Hi verità wkoll li ħafna kollezzjonisti jfittxu l-isem. Tkun iebsa biex artist, minkejja li jkollu xogħol tajjeb, jiġi aċċettat fil-bidu tal-karriera tiegħu jew inkella qabel jagħmel isem fil-qasam li jkun fih. Imbagħad jiddependi wkoll kemm l-artist ikun perseveranti fil-kreattività tiegħu u jibqa' għaddej. Ħafna mix-xogħlijiet ta' dawn l-artisti għall-ewwel jiġu akkwistati mill-barranin. Però s-sitwazzjoni qed tinbidel u l-Maltin saru japprezzaw aktar dak li hu talent Malti tajjeb."

Kif qalli fil-bidu, Mario kellu diversi wirjiet tul is-snin, u xogħlijiet tiegħu – kultant astratti imma b'messaġġ qawwi – kienu apprezzati u xi wħud sabu posthom f'kollezzjonijiet jew postijiet prominenti. Tassew li l-artist jitkellem permezz tal-arti tiegħu, iżda x'inhi r-relazzjoni bejnu u bejn l-opri tiegħu?

## Rabta max-xogħol

"Tassew nagħmel xogħol kemmxejn astratt, iżda l-iskultura li nagħmel l-aktar hija bbażata fuq il-figura umana stilizzata li noħroġha bħala espressjoni tiegħi. Nagħmel mezz li nesprimi sitwazzjonijiet u emozzjonijiet li bihom nemfasizza l-messaġġ li nkun irrid inwassal. Il-figuri li nippreżenta huma minimi ħafna fid-dettal u iktar nisħaq fuq il-linja u l-forma tagħha 'in ġenerali'. Ix-xogħlijiet li kelli f'diversi wirjiet kemm f'Malta kif ukoll barra, fosthom Ċipru, id-Danimarka u oħrajn, kienu aċċettati tajjeb ħafna u servewni ta' nkoraġġiment biex inkompli miexi. "Għandi wkoll xogħlijiet li ġew akkwistati minn kollezzjonisti barranin fosthom fil-Belġju, Ċipru, l-Awstrija, New Zealand, il-Kanada u oħrajn. Jien nara x-xogħlijiet tiegħi bħala mezz ta' komunikazzjoni bejn il-ħsibijiet tiegħi u r-relazzjoni umana u soċjali. L-iskultura tiegħi tgħinni biex inżomm il-perspettiva umana kif ukoll il-ħajja tal-umanità bil-problemi emozzjonali u soċjali tagħha quddiem għajnejja, li wara kollox aħna lkoll nagħmlu parti minnha.

"Waqt li nkun qed nagħmel dawn ix-xogħlijiet biċ-ċeramika, tul il-proċess kollu, titrabba ċerta rabta, kemm minħabba l-konċentrazzjoni waqt li nkun qed nagħmilha, kif ukoll għax inkun qed nara l-idejat tiegħi jieħdu forma taħt idejja. Infatti meta jiġi l-mument li ninfired minnha nħoss ċerta għafsa ta' qalb, però fl-istess ħin sodisfazzjon li ħaġa li ħloqt jien intgħoġbot u l-messaġġ li ridt inwassal se jkompli miexi," temm jgħidli Mario Sammut.